# TLIET KAPPILLANI LI GĦAMLU ĠIEĦ LIL BORMLA FIŻ-ŻEJTUN.

**Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela.**

Dun Anton Gafa' li bena parti mill-knisja parrokkjali.
**Dun Gakbu Tortella,** li ġieb il-paċi fiż-Żejtun.
**Kan Dun Pawl Ellul,** li qassam ġidu lill-foqra Żwieten.

Bormla, ċentru ta' vokazzjonijiet.
Wara r-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri ta' San Ġwann fuq it-Torok fl-Assedju ta'l-1565, l-ibliet madwar il-Port il-Kbir bdew jiżviluppaw u jikbru b'rata mgħaġġla.Il-Kavallieri kienu baħħara u ħolqu ħafna xogħol madwar il-port, b'riżultat li l-Maltin kienu jippreferu joqogħdu bil-familji tagħhom viċin il-postijiet tax-xogħol tagħhom. Din ir-rata ta' żvilupp mgħaġġel kompliet tikber fi żmien l-Ingliżi li ħolqu eluf ta' mpjiegi permezz tad-dockyard. Hekk, Bormla saret iċ-ċentru industrijali, ekonomiku u kummerċjali tan-nofs-in-nhar ta' Malta. Din iż-żieda fil-popolazzjoni ġiebet magħha, żieda fil-vokazzjonijiet saċerdotali. Wara l-Belt Valletta u l-Imdina bir-Rabat subborg tagħha, Bormla kienet tkun il-parroċċa li l-aktar kienet tipprovdi qassisin lid-djoċesi ta' Malta. Hekk, fl-1782, filwaqt li f'Bormla kien hemm 67 qassis, fiz-Zejtun kien hawn biss 27 wieħed (1). Kienet ħaġa naturali allura, li ħafna mill-kappillani ta' Malta kienu jkunu Bormlizi. Tlieta kienu l-kappillani Bormlizi fl-istorja tal-parroċċa taż-Żejtun, u t-tlieta li huma għamlu ġieħ lil Bormla, il-belt fejn twieldu.

**Dun Anton Gafa' (1712-1733)**
Nistgħu ngħidu li Dun Anton bena parti kbira mill-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Fl-1692, fi żmien Dun Ugolin Bonnici, kienu qiegħdu l-ewwel ġebla tagħha, u sal-mewt ta' Dun Ugolin fl-1712 kienu għadhom lestew biss il-kursija. Kien il-Bormliz Dun Anton li, fil-21 sena li dam kappillan taż-Żejtun, ta lill-knisja forma ta'salib u lesta l-bini tagħha kollu, minbarra n-navi li saru wara. **Saċerdot intelliġenti.** Dun Anton Gafa' kien twieled f'Bormla, fis-27 ta' Lulju, 1668, bin Klement Gafa' u Katerinuzza. Il-knisja ta' Bormla kienet għadha tissejjaħ **"Santa Maria del Soccorso".** Dun Anton kien saċerdot intelligenti. Fil-fatt id-dokumenti jiddeskrivuh bħala professur tal-Filosofija u Teoloġija u konfessur tas-sorijiet (2). Kien ukoll karitatevoli, tant li kienet tiġih ħniena mill-fqar tal-parroċċa tiegħu u ma kienx jieħu minn għandhom il-ħlasijiet finanzjarji li kellu dritt għalihom (3).

**Dun Ġakbu Tortella (1787 - 1802).**
Għalkemm Dun Ġakbu dam proprjament kappillan taż-Żejtun għal ftit xhur biss (1801-1802), kien ilu vigarju kurat hawn għal erbatax-il-sena. Il-mertu kbir ta' dan is-saċerdot żelanti kien li ġieb il-paċi fiż-Żejtun, paċi li kienet ilha nieqsa madwr 30 sena minn din il-parroċċa! Irnexxielu jwettaq dak li diversi vigarji kurati qablu kienu ppruvaw jagħmlu bla suċċess.
**Devot ta' l-Immakulata.**
Ġakbu Tortella, bin l-ispizjar Pawlu u Bibiana, nee, Argenta, twieled f'Bormla fl-4 ta' Diċembru, 1726(4). Fil-Vista Pastorali li l-Isqof Alpheran għamel f'Bormla fl-1751, Dun Ġakbu Tortella hu mniżżel fil-lista ta' 73 qassis li kienu jgħixu f'Bormla. Kien devot ħafna ta'l-Immakulata, u meta sar kappillan ta' l-Imqabba daħħal id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni f'din il-parroċċa, fejn ukoll waqqaf Konfraternita' tagħha(5) Din il-Konfraternita' ta' l-Imqabba ġiet magħquda mal-Ven. Arċikonfraternita' tal-Kunċizzjoni ta' San Lorenzo in Damaso ta' Ruma(6).

Anġlu tal-Paċi
Sadattant inkwiet kbir kien beda fiż-Żejtun, fejn, fl-1769 kien gie impost minn Ruma, kontra x-xewqa taż-Żwieten, Dun Franġisk Maria Xuereb, Karkariz, wara li ż-Żabbarin ma reduhx bħala kappillan tagħhom. Dun Franġisk kellu nkwiet ma' kulħadd, iżda l-aktar mal-Fratelli tas-Sagrament. Saħansitra dan il-kappillan, li kellu rasu iebsa u ma ried qatt jirreżenja, ġie mkeċċi miż-Żwieten aktar minn darba. Għalkemm il-kawza li kellu f'Ruma Dun Frangisk rebaħha, madanakollu xorta waħda ż-Żwieten baqgħu ma aċċettawhx. Il-Granmastru, l-Inkwizitur u l-Isqof għamlu minn kollox biex iġibu l-paċi fiż-Żejtun. L-Isqof Labini bagħat diversi vigarji kurati, izda l-inkwiet xorta baqa' sejjer. sakemm l-Ispirtu s-Santu nebbaħ lill-Isqof jibgħat fl-1787 lil Dun Ġakbu Tortella, il-

## IN FESTO
# SANCTÆ CATHARINÆ
VIRGINIS ET MARTYRIS

DUPLEX PRIMÆ CLASSIS CUM OCT.

AD VESPERAS.

*Pater noster, Ave Maria.*
℣ Deus in adjutorium meum intende.
℟ Domine ad adjuvandum me festina.
Gloria Patri, et Filio, et Spiritui Sancto.
Sicut erat in principio, et nunc, et semper, et in sæcula sæculorum Amen. Alleluja.
Antiph. Inclyta virgo Catharína intrépide Maximinum ádiit; ut ab idolórum vanitáte ad veram Christi fidem eum sapiénter addúcat

Psalm 109.

Dixit Dóminus Dómino meo:* Sede à dextris meis:
Donec ponam inimícos tuos,* scabéllum pedum tuórum.
Virgam virtútis tuæ emíttet Dóminus ex Sion: * domináre in médio inimicórum tuórum.
Tecum principium in die virtútis tuæ, in splendóribus Sanctórum: * ex útero ante lucíferum génui te.
Jurávit Dóminus, et non pœnitébit eum: * Tu es sacerdos in ætérnum secúndùm órdinem Melchísenech.
Dóminus à dextris tuis,* confrégit in die iræ suæ reges.
Judicábit in natiónibus, implébit ruínas: * conquassábit cápita in terra multórum.
De torrénte in via bibet: * proptéreà exaltábit caput.
Glória Patri,&c.
Antiph. Inclyta virgo Catharina intrépide Maximinum ádiit; ut ab idolórum vanitáte ad veram Christi fidem eum sapiénter addúcat.
Antiph. Oportébat, o Imperátor, tuam te agnóscere

Bidu ta' l-Uffizzjatura nhar lejliet il-Festa ta' Santa Katarina. Innotta li l-Festa kellha l-Ottava.

## OFFICIUM PROPRIUM
# SANCTÆ CATHARINÆ
VIRGINIS ET MARTYRIS

PATRONAE PRINCIPALIS
AC TITULAR. S. MATR. ET PAR. ECCLESIÆ

TERRÆ ZEYTUN
MELITEN. DIŒCES. SUB RITU DUPL. PRIMÆ CLASS.

RECITANDUM DIE XXV. NOVEMBRIS
A CLERO PRÆLAUDATÆ PAROECIÆ
EX CONCESSIONE

SS. D. N. PII IX. PONTIF. MAX.
SUB DATUM 22 JUNII 1854.

MELITÆ
TYPIS FRANCISCI CUMBO
MDCCCLXXV.



**Dun Pawl Ellul.Kappillan 1839-61.**
**Fi żmienu (1854) bdiet tintuża l-Uffizzjatura propja ta' Santa Katarina. F'dan il-kwadru, li jinsab fil-Mużew Parrokkjali, jidher b'din l-Uffizzjatura f'idejh.**

**L-Uffizzjatura proprija bil-Latin li Q.T. il-Papa Piju IX, fil-22 ta' Ġunju 1854, ikkonċeda lill-Parroċċa taż-Żejtun biex tingħad fil-Festa.**

Riferenzi u-noti:


1. A.A.M. Kanc. Corr.XX, f.29r.
2. A.A.M. Kanc. Kapp.Żejtun, XXI.
3. F. Ciappara, "Mill-Qigħan ta' l-Istorja", p.14.
4. A.P.C., Lib.Bapt.V, f.48.
5. J.Bonello,'Giacomo Tortella' Prog.tal-Festa, Imqabbaq 1994.
6. J. Bonello.
7. A.P.C., Lib. Bapt.1798-1809.
8. A.A.M., Ordinationes Sant, f.35v.
9. Ara l-arma tiegħu fl-Awla Kapitulari, Bormla.
10. A.A.M., Kanc., Super Erectionem insignae Colleggiatae ... Civitatis Cospicuae", f.38.
11. A.P.M.,Lib.Def.VIII,f.322. Id-data taħt il-kwadru taż-Żejtun hi żbaljata. Is-sena 1878, li jġib il-kwadru, hi meta miet monsinjur ieħor, li kellu l-istess isem u għix fl-istess żmien tal-kappillan taż-Żejtun.

kappillan Bormliz ta' l-Imqabba. B'ubbidjenza u umilta', Dun Ġakbu spiċċa minn kappillan biex sar vigarju kurat ta' parroċċa kollha nkwiet. Kien saċerdot, qaddis li rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni. Kien ukoll bil-ħila tiegħu Ii ż-Żejtun irċieva t-titlu ta'"Belt Bylandt"mill-Granmastru Ferdinandu Hompesch fl-1797.

**Kan Dun Pawl Ellul (1839-1861)**

Twieled f'Bormla fl-14 ta' Marzu, 1802, bin Publiju Ellul u Maria Theresa, nee' Nuzzo (7). Gie ordnat saċerdot fit-18 ta' Frar,1826 (8), meta kien ilu diga' tliet snin kanonku tal-Kolleggjata ta' Bormla. Fil-fatt Ellul kien wieħed mill-ewwel grupp ta' kanonċi li ħadu l-pussess fis-7 ta' Diċembru, 1823. Dam iservi bħala kanonku f'Bormla sat-30 ta' Jannar, 1834 (9).

**Il-Kolleggjata ta' Bormla.**

Il-prebenda tal-kanonikat tiegħu kien waqqafha hu stess u kienet tikkonsisti fid-dar nru.60, Strada Marina, Senglea, stmata li tiswa 1,400 skud, u li tirrendi 60 skud fis-sena (10). Dun Pawl kien illawrjat fil-Ligi Kanonika u Civili.

Fis-snin tletin kien inqala' nkwiet bejn il-Knisja ta' Malta u l-Awtoritajiet Civili Nglizi, li riedu jindaħlu fl-għazla tal-kappillani Maltin. Din kienet ir-raġuni għaliex fl-1834 il-Kan. Dun Pawl Ellul sar vigarju kurat u mhux kappillan taż-Żurrieq, fejn qatta' erba' snin f'ħidma pastorali. Sadattant iż-Żejtun safa mingħajr kappillan fl-1837 bil-mewt tal-kappillan Dun Bartilmew Sant. Iż-Żejtun, bħaż-Żurrieq, għadda xi snin mingħajr kappillan, u Dun Vicens Galea kien vigarju kurat sakemm il-Kan. Dun Pawl Ellul ħa l-pussess bħala l-kappillan il-ġdid taż-Żejtun fl-4 ta' Marzu, 1839.

**L-Uffizzjatura ta' Santa Katarina.**

Matul it-22 sena li dam kappillan taż-Żejtun, Dun Pawl Ellul jibqa' mfakkar l-aktar għal żewġ ħwejjeġ: l-ewwelnett kien fi żmienu li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX, li tant hu maħbub ġewwa Bormla, ikkonċeda fit-22 ta' Ġunju, 1854, il-permess ta' Uffizzjatura proprja u solenni għall-Festa ta' Santa Katarina fiż-Żeitun. Fi kwadru ta' Dun Pawl, li jinsab fil-Muzew taż-Żejtun, il-kappillan jidher iżomm din l-uffizzjatura f'idu waħda, filwaqt li bl-oħra jindika l-kampnar tal-knisja parrokkjali. Haġa ohra li fiha spikka Ellul kienet l-imħabba kbira tiegħu għall-batuti. Kitba taħt il-kwadru li semmejna tgħidilna kif Ellul **"omnia sua ... egenis alendis consumpsit" - "nefaq ġidu kollu .... biex jgħin lill-foqra"**. Kien fl-1861 li Ellul ġie magħżul monsinjur tal-Katidral. Miet fis-27 ta' Frar, 1882(11).

B'modi, diversi dawn it-tliet kappillani Bormliżi taw xhieda ta' ħajja tassew nisranija u ta' zelu fil-qasam tal-ħidma pastorali. Huma tliet saċerdoti li l-knisja ta' Bormla u ż-Żejtun tħossha kburija bihom.


# TYPING LESSONS

For Beginners, starting JULY 1999
Leading to 3rd LEVEL LCCI EXAMS. U.K. (April 2000)
And LOCAL GOVERNMENT EXAMS.

Also **KEYBOARD Summer Course** for **COMPUTER EFFICIENCY**

Qualified and Experienced Teacher - Results Guaranteed
(Lessons held at Zejtun)
**Mrs. Louise Debono - Tel: 68 13 41**